**L-UNIVERSITÀ TA’ MALTA**

**L-EZAMI TAC-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

# IL-MALTI

**MEJJU 2017**

# IR-RAPPORT TAL- EZAMINATURI

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U**

**TAC-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

# IR-RAPPORT TAL-EZAMINATURI
# TAL-MALTI FIL-LIVELL TAC-CES
# MEJJU 2017

## Introduzzjoni

Il-kummenti ġenerali kollha li ntgħamlu s-sena l-oħra japplikaw ukoll għal din is-sena. Il-bord tal-eżaminaturi tal-Malti fil-livell taċ-ĊES kien magħmul minn chairperson, tliet *setters*, *reviewer*, 24 marker, u reviżur – kollha ġejjin minn naħiet differenti tal-edukazzjoni. B'tim bħal dan, kull stadju filproċess tal-eżami seta' jsir bil-galbu ħalli jagħmel ġustizzja mal-kandidat.

**Statistika tar-riżultat**
Iċ-ċifri ta' hawn taħt juru d-distribuzzjoni tal-gradi għal Mejju 2017, u wieħed jista' jqabbilhom ma' dawk ta' xi snin ta' qabel billi jirreferi għar-rapporti tal-eżaminaturi tal-Malti fil-Livell taċ-ĊES ippubblikati fis-snin li għaddew.

| Grad | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | U | ABS | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PAPER A | 102 | 429 | 588 | 682 | 305 | | | 178 | 24 | 2308 |
| PAPER B | | | | 209 | 297 | 155 | 148 | 646 | 81 | 1536 |
| Numru ta' Kandidati | 102 | 429 | 588 | 891 | 602 | 155 | 148 | 824 | 105 | 3844 |
| % tat-TOTAL | 2.65 | 11.16 | 15.30 | 23.18 | 15.66 | 4.03 | 3.85 | 21.44 | 2.73 | 100 |

It-tabella turi li 76% tal-kandidati kienu ċertifikabbli (i.e. ġabu minn Grad 1 sa Grad 7) u li 68% ġabu minn Grad 1 sa Grad 5.

## L-Ewwel Karta

L-istudju tal-Malti f'dan il-livell għandu jwassal lill-kandidati biex iħaddmu l-lingwa b'mod indipendenti u profiċjenti. Ħakma tajba tfisser li jifhmu u jikkomunikaw b'mod produttiv u effiċjenti, u japprezzaw sfumaturi differenti ta' tifsir. U b'dawn il-ħiliet jaslu jiktbu kulma jkollhom bżonn fis-soċjetà adulta: komponimenti immaġinattivi, esejs ta' diskussjoni, artikli ta' tagħrif b'arranġament ta' dettall, taqsiriet li jisiltu l-essenzjal ta' xi silta twila, deskrizzjonijiet preċiżi, rapporti meqjusa, ittri u *emails* formali b'messaġġi, u kull kitba kontinwa li jeħtieġu fid-dinja tal-lum. L-għarfien tal-grammatika jgħin f'dan il-proċess kollu biex il-kandidati jkollhom livell akkademiku xieraq fil-kitbiet kollha tagħhom. Meta ngħidu "livell xieraq" nifhmu l-livell tal-Form 5 li jħaddan fih l-użu funzjonali tal-lingwa li titqies bħala strument ta' interazzjoni soċjali. Dan l-eżami, għalhekk, jistenna li l-kandidati jinqdew bil-lingwa b'mod effiċjenti sabiex jikkomunikaw ma' ħaddieħor f'ambjent uman.

## L-Ewwel Karta – L-Oral

L-Oral tal-Malti fil-Livell taċ-ĊES jeżamina l-ħiliet tal-Malti fl-istat ta' produzzjoni, fl-istat riċettiv, u fl-istat interattiv. Jiġifieri, il-kandidati riedu (wara ftit minuti ta' preparazzjoni) jaqraw b'vuċi għolja silta mhux letterarja ta' madwar 80 kelma, jisimgħu silta oħra ta' 100 kelma (moqrija mill-eżaminatur) u jwieġbu xi mistoqsijiet tax-xejra *multiple choice* fuqha, imbagħad jidħlu f'żewġ diskussjonijiet fuq temi kurrenti u kulturali mal-eżaminatur. Dan ifisser li l-kandidati riedu jitkellmu l-ħin kollu matul l-eżami tal-oral.

Fil-biċċa l-kbira tagħhom il-kandidati marru tajjeb ħafna u kisbu marki xierqa. Fl-Oral, il-kandidati jridu juru li huma għandhom ħila għal ftit minuti jitkellmu bil-Malti biss u b'mod relevanti mingħajr l-għajnuna ta' xi lingwa oħra.

**L-Ewwel Karta – Il-Kitba**

**L-Ewwel Taqsima: Il-Komponiment**

Is-suġġetti tal-komponimenti
Il-kandidati ngħataw erba' suġġetti biex jagħżlu wieħed u jiktbu 350 kelma fuqu. Kien hemm għadd ta' komponimenti b'livell tajjeb u xieraq, imma kien hemm bosta li kienu batuti f'kull livell tal-kitba (i.e. fl-ortografija, fil-grammatika, fl-użu tal-vokabularju, fis-sintassi, u fl-istil). Xi kandidati ma kitbux bil-Malti Standard u daħħlu d-djalett jew il-Malti kollokjali. Jiġifieri nsibu l-użu tal-Malti mitkellem fil-komponimenti ġenerali. Huwa mistenni li l-kandidati ta' dan l-eżami jkunu midħla sew tad-differenzi bejn il-Malti mitkellem u l-Malti miktub standard. Fil-mitkellem insibu d-djaletti u l-kollokjaliżmi, u nsibu l-kliem ġej mill-Ingliż li għadu ma integrax ruħu b'mod komuni fil-Malti. Dawn kollha huma aċċettati fil-mitkellem imma fil-miktub huma x'aktarx mistennija li jitrażżnu.

Fejn tidħol il-kitba, kien hemm faqar ta' ideat u xi wħud ma jafux jorbtu idea ma' oħra. Għadd mhux ħażin bilkemm setgħu jinqraw. Oħrajn taw xogħol qasir ħafna – xi wħud mill-komponimenti kienu inqas minn mitt kelma. Il-markers kollha lmentaw kemm żdiedu l-kandidati li kitbu ħafna inqas minn 350 kelma. Xi kandidati qagħdu jirrepetu l-ideat biex itellgħu l-għadd meħtieġ tal-kliem u kien hemm min ma spiċċax il-komponiment, u għadd żgħir ta' kandidati ħallewh barra. Xi wħud ma ħaddmux il-punteġġjatura tajjeb u oħrajn ma qassmux l-ideat f'paragrafi.

Il-biċċa l-kbira ta' kandidati li għazlu li jiddiskutu fuq ir-roti u l-muturi fit-toroq Maltini iddiskutew is-sitwazzjoni tagħna llum fid-dawl tat-traffiku billi taw xi vantaġġi u żvantaġġi tas-sewqan biż-żewġ mezzi. Dan it-titlu kien popolari mal-kandidati. Bħala vantaġġi l-aktar li ssemmew kienu dawn l-ideat:

- wieħed jasal aktar malajr għax f'traffiku wieqaf jista' jgħaddi bejn il-karozzi weqfin;
- huma orħos minn karozza;
- min juża r-rota jkun qed jagħmel eżerċizzju fiżiku;
- ir-rota ma tarmix egżost; u l-magna ta' mutur hija iżgħar ħafna minn ta' karozza u allura taħli inqas petrol;
- ir-rota hija ekonomika għax ma tridx liċenzja għaliha u lanqas ma titlob flus għall-petrol;
- il-manutenzjoni fuq mutur u rota hija ferm eħfef minn dik ta' karozza;
- il-mutur huwa komdu biex jagħti servizz u jintuża b'mod effiċjenti mill-pustieri, pulizija tat-traffiku, gwardjani tat-traffiku, u xi restorants li jwasslu l-ikel 'take away'.

U l-iżvantaġġi ewlenin li ssemmew kienu:

- it-toroq Maltin ma joffrux 'lanes' apposta mingħajr periklu għall-muturi u r-roti;
- is-sewwieqa tal-karozzi mhux dejjem jagħtu kas tal-muturi u r-roti;
- bosta drabi r-rikkieba tar-roti u s-sewwieqa tal-mutur ma jimxux mar-regoli tat-traffiku għax jippretendu li dejjem għandu jkollhom prijorità;
- minħabba li m'għandhomx il-protezzjoni li toffri karozza, l-'accidents' ikunu aktar fatali, u l-kondizzjoni tat-toroq imħaffrin iżżid mal-periklu;
- is-sewqan tar-rota jitlob ħafna saħħa u allura meta tasal ix-xogħol tkun għarqan xraba;
- ma tistax iġġorr ħafna affarijiet fuqhom, bħalma ġġorr f'karozza;
- m'għandhomx protezzjoni mill-elementi tan-natura;
- b'dawn il-mezzi wieħed jibla' ħafna aktar egżost fi triq traffikuża;

Fost dawk li għażlu dan it-titlu kien hemm dawk li injoraw l-aħħar kelma u ma ddiskutewx is-suġġett imma taw deskrizzjonijiet ta' diversi tipi ta' roti u muturi li jintużaw għall-isports; jiġifieri, ħarġu barra mis-suġġett. Il-fatt li t-titlu kien qed jitlob argumentazzjoni fl-isfond tat-toroq Maltin kellu jingħata importanza akbar.

Bosta kandidati li għażlu li jiddeskrivu palazz jew gnien pubbliku li żaru dan l-ahhar li urew ħila kbira fid-deskrizzjoni. Kien hemm min għażel palazzi u ġonna li jeżistu tassew f'Malta jew barra minn Malta, fosthom il-Palazz ta' Sant Anton, il-Palazz ta' Verdala, il-Palazz ta' Bettina, Hyde Park, il-Ġnien ta' Versailles u oħrajn; filwaqt li ftit minnhom għażlu li jiktbu fuq palazzi u ġonna fittizji.

Fid-deskrizzjonijiet interessanti nsibu referenza għas-sensi, kif juru dawn is-siltiet meħudin mill-iskripts: "inxomm l-arja pura li tħalli effett ta' rilassament"; "ir-riħa ta' dawn il-fjuri kienet tinxtamm minn kullimkien"; "Tħoss il-ġilda tibda tisħon taħt is-sħana tax-xemx u kif ukoll il-bewsa ħelwa taż-żiffa fuq ħaddejk." U nsibu wkoll l-użu figurattiv tal-lingwa: "fuq il-bieb prinċipali, miżbugħ bl-aħdar skur li jiżżewweġ mal-ħdura tal-madwar, insibu l-arma tal-granmastru."; "dawn il-fjuri kienu qishom twapet mal-art kollha kuluri differenti, iqimu l-palazz li donnu qiegħed jagħtihom il-ħajja."

Għalkemm it-titlu speċifika li dan l-esej kellu jkun deskrittiv, kien hemm min dawru f'wieħed narrativ biss u rrakkonta mawra f'xi palazz jew ġnien. Kien hemm min kiteb kemm fuq ġnien u kemm fuq palazz – ma tax kas il-konġunzjoni "jew".

L-aktar suġġett li l-kandidati għażlu kien it-titlu bi storja li tibda jew tispicca:"Eżattament fis-sitta ta' filgħodu l-vapur daħal fil-port b'wiċċ il-ġid." Bosta kandidati taw rakkonti sbieħ u interessanti ħafna, u fihom irrakkontaw sitwazzjonijiet, ċirkustanzi, jew avvenimenti kemxejn koroh (bħall-maltempati) li għalihom kienu preżenti waqt li kienu f'nofs ta' baħar fuq dan il-vapur, li wara spiċċa għeleb dan kollu u xorta daħal fil-port b'wiċċ il-ġid. Spikkat ir-referenza għall-Konvoj ta' Santa Marija (għalkemm id-dati storiċi ma kinux dejjem tajbin iżda ma tnaqqsux marki ghal dan), u xi kandidati immaġinaw li kienu fuqu u ddeskrivew kemm kienet sitwazzjoni kerha u tal-biża' sakemm il-vapur xorta daħal il-port għalkemm fi stat ħażin ħafna. Kien hemm min irrakkonta l-istorja ta' Alice f''Wonderland' meta mewġa għattiet il-vapur. Fl-istħajjil tal-kandidati dehru wkoll rakkonti avventurużi marbutin mal-emigranti Maltin fi triqithom lejn l-Awstralja, fejn dawn ġew attakkati mit-terroristi; ma' immigranti li kienu ġejjin Malta mil-Libja; ma' vapur maġiku li jtir fis-sema; u ma' vjaġġ fejn f'nofsu l-vapur inħakem minn figura bajdanija. Rakkont partikulari ta vjaġġ fantastiku minn Malta għal Sqallija, meta telgħu l-pirati fuq il-vapur, niżżlu lill-passiġġieri taħt il-baħar, u dawn sabu ruħhom f'dinja fantastika fejn kien hemm nofs bnedmin u nofs annimali u affarijiet oħra fantastiċi.

Oħrajn taw rakkont ta' vaganza li għamlu fuq 'cruise liner' li żar diversi postijiet jew taw deskrizzjoni ta' xi ġurnata Għawdex u spiċċaw ir-rakkont bis-sentenza indikata fit-titlu. Xi wħud injoraw il-parti tas-sentenza li tgħid "b'wiċċ il-ġid", forsi għax ma kinux jafu xi tfisser. Kien hemm ukoll dawk li ma tawx kas tas-sentenza mogħtija fit-titlu u ma inkludewhiex fil-komponiment. Kien hemm aktar kandidati li s-sentenza spiċċaw biha u ftit kienu dawk li bdew biha. Barra minn hekk, ftit kienu dawk li wrew rabta konsistenti bejn il-bidu/tmiem u n-narrazzjoni tagħhom.

Ftit kienu dawk li għażlu li jiktbu fuq taħdita dwar l-importanza tal-ikel nutrittiv għal nies ta' kull età, u ħafna minn dawk li għażluh kitbu esej argumentattiv dwar l-importanza tal-ikel nutrittiv, mingħajr ma taw kas il-kriterji tat-taħdita. Imma dawk li għażluh kienu infurmati sew fuq is-suġġett u ħarġu b'ideat varji fit-taħdita tagħhom u kitbu esej li juri l-għarfien tagħhom fis-suġġett tal-ikel nutrittiv. Dan kien jidher ukoll minn lessiku xjentifiku relatat ħafna mal-ikel nutrittiv fosthom l-importanza tal-għażla ta' ikel għall-konsum ibbilanċjat ta' karboidrati u proteini u meta dawn jaqbel li teħodhom matul il-ġurnata. Kien hemm min speċifika, pereżempju, u qal li l-karboidrati jagħtu l-enerġija lill-bnedmin, u l-proteini jagħtu l-fibra li tgħin lill-ġisem sabiex l-ikel jinżel u ma jeħilx u hekk jiskansa l-kanser fl-intestini. Oħrajn irreferew għall-piramida tal-ikel. Mal-għażla tal-ikel ma naqsux l-importanza tal-ilma u l-eżerċizzju fid-dieta tagħna, kif ukoll pariri biex wieħed jevita x-xaħmijiet u ikel li fih ħafna zokkor għax dawn iwasslu għal mard serju bħalma huma livell għoli ta' kolesterol li jista' jwassal għal mard relatat maċ-ċirkulazzjoni tad-demm u mal-qalb, u mard ieħor relatat mal-kanser, u mad-dijabete u l-obeżità. Kien hemm min saħansitra saħħaħ dan b'xi esperjenza minn tiegħu iżda kif għandu jkun mingħajr ma daħal f'ħafna dettall.

Punti oħra li ssemmew kienu:

- l-iskejjel jipprovdu frott, ħaxix, u ħalib b'xejn biex jippromwovu l-ikel nutrittiv;
- l-ikel nutrittiv iżomm ċertu mard serju 'l bogħod;
- fiż-żgħażagħ hemm persentaġġ għoli li jkollhom ħafna ponot minħabba ż-żjut li jikkonsmaw;
- l-anoreksja hija problema għax tkun nieqes minn ħafna vitamini;
- fit-tqala persuna għandha tiekol ikel aktar nutrittiv, mimli b'ħafna vitamini u minerali biex it-tarbija jkollha protezzjoni tajba kontra l-mard;
- it-tfal huma mitluba li l-iskola jixorbu ilma u mhux luminata;

- dawk li jesaġeraw fl-ikel jew pjuttost jagħmlu l-kontra u jieklu mill-inqas, jistgħu jinħakmu minn ċertu mard serju bħall-anoreksja jew il-bulimija – mard li jista' jaffettwa l-persuna psikoloġikament u jħalli effetti koroh fuqhom;
- il-midja tħalli impatt qawwi fuqna u xi kultant niġu bejn ħaltejn fuq dak li għandna nieklu;
- sfortunatament l-ikel nutrittiv hu ogħla minn dak li ma tantx hu tajjeb għas-saħħa.

Madankollu, kien hemm xi kandidati li l-kelma "nutrittiv" ma kinux jafu xi tfisser, tant li għalihom kull ikel tqies nutrittiv. Kien hemm oħrajn li ffokaw biss fuq l-importanza tal-ħaxix u l-frott fil-ħajja tal-bniedem, filwaqt li kien hemm min kiteb b'mod ġenerali mingħajr ma ta ħarsa lejn l-importanza tal-ikel nutrittiv skont etajiet differenti. Xi wħud ħarġu barra mis-suġġett fil-partijiet fejn tkellmu fuq il-ħsara li jagħmel it-tipjip.

Kummenti oħra

Bosta markers innutaw li għadd ta' kandidati ma jaqrawx sew it-titlu tal-esej jew ma jifhmuhx. Xi wħud mill-kandidati saħansitra kitbu t-titlu ħażin. Il-kandidati jeħtieġ jiflu sew il-kliem muftieħ li jħaddan it-titlu, u waqt il-kitba tal-esej jibqgħu ffukati fuq dan il-kliem biex ma joħorġux barra mis-suġġett jew mill-ġeneru.

Kien hemm bosta li kitbu inqas mill-ammont tal-kliem mitlub, u dawn dehru li ma kinux ippreparati tajjeb għall-kitba tal-esej. Infakkru li meta l-kandidati jgħoddu l-kliem tal-esej, dawk il-kelmiet li jkollhom is-sing jgħoddu b'kelma waħda: eż. "tal-iskola" hija kelma waħda, avolja "ta' ħija" fiha żewġ kelmiet. F'ċerti kandidati kien hemm ukoll nuqqas ta' tagħrif dwar x'inhu komponiment, kif toħloq l-ideat, kif tesprimihom u kif tagħmilhom f'paragrafi. Numru minnhom għadhom ma jafux jagħżlu l-ideat u għalhekk xeħtuhom kollha flimkien f'paragrafu wieħed twil li sawwar il-komponiment kollu.

Kien hemm għadd kbir ta' komponimenti fejn l-ideat kienu limitati wisq jew inkella repetittivi ħafna. Xi wħud, ftit ħasbu dwar is-suġġett qabel kitbu u ntrabtu mal-ewwel idea li ġiet f'moħħhom. Konsegwenza ta' dan, batew ukoll fir-rabta bejn idea u oħra. Dan juri nuqqas ta' ppjanar u organizzazzjoni sew tal-ideat. Ħafna jaqbdu u jiktbu bla ma jagħtu kas is-sekwenza u r-rabta bejn paragrafu u ieħor. Dan ma joħloqx kitba mexxejja. Barra minn hekk, l-introduzzjoni u l-konklużjoni ta' xi kandidati kienu xotti u neqsin mill-oriġinalità li għandha tqanqal interess fil-qarrej.

Il-kandidati għandhom juru rispett sħiħ lejn il-kelma miktuba, kemm jekk tkun Maltija u kemm jekk tkun missellfa. Dan jitlob li jkunu jafu sew kif titlissen u jiktbuha bir-reqqa meħtieġa, u mhux bl-addoċċ għax dan jaffettwa s-sħuħija tal-komponiment. Il-kandidati tal-lum mhumiex tal-bieraħ, u l-midja taffettwa bis-sħiħ il-mod kif jaħseb il-bniedem tal-lum, u kif jikteb. Dan hu rifless f'kitba kontinwa bħalma hu l-komponiment, fejn id-diversi oqsma (kreattivi, idjomatiċi, grammatikali, sintattiċi, ortografiċi, u l-bqija) jiltaqqgħu flimkien u jitpoġġew taħt il-lenti.

L-iżbalji

Il-komponimenti kienu miżgħudin bi kliem spellut ħażin, u minn sena għal oħra l-għadd ta' kliem żbaljat ortografikament baqa' jiżdied. Ħafna jwaħħlu fil-lingwa tal-*facebook* imma l-kandidati li jħejju rwieħhom għall-eżami tal-Malti fil-livell taċ-ĊES jeħtieġ jistudjaw sew u jitrawmu jrażżnu l-influwenza tal-internet. Min ma jistudjax kif inhu xieraq il-Malti (studju xieraq iħaddan fih ħafna qari bil-Malti), m'għandux jippretendi li għandu jikseb grad tajjeb fl-eżami.

Ħafna mill-iżbalji kienu fi kliem bażiku u li wieħed jistenna li l-kandidati tal-form 5 ikunu jafuh. Xi wħud lanqas it-titlu tal-komponiment ma kkupjaw tajjeb mill-karta. Dawn l-eżempji li ġejjin jagħtuna ħjiel ta' x'tip ta' nuqqasijiet kellhom il-kandidati ta' dan l-eżami fejn tidħol il-kitba bil-Malti:

> "umbad", "atmosphera", "caloriji", "disigni", "disvantaġ", "espeċjalment", "essenċjali", "ġardiner", "ħorribbli", "jacketta", "ta' klassi għola", "erbgħa torrijiet", "tlett ġimgħat ilu", "mill-lukkanda", "mill-ħażin għall-għar", "mijaw", "tijaw", "żażaħ", "tipki", "qijjad", "iġelek", "vetura", "zagħajra", "wiħed", "jgħajd", "nikontrolaw", "nużom", "is-suq (issuq)", "mill-liktar", "jadu" (jgħidu), "minflokk", "jiproteġġi", "flatz", "xgħaru", "b'dejna", "baqaw".

Kien hemm kandidati li kontinwament ħawdu l-"u" u l-"hu", il-"min" u l-"minn" ma' xulxin. Qed jiżdiedu wkoll l-iżbalji fejn jidħlu l-konsonanti doppji u ħafna wkoll traskuraw it-tikek u l-qtugħ tar-ras fil-kitba tal-konsonanti.

Fost l-iżbalji grammatikali nistgħu nsemmu:

"il-ġnien kienet nadifa; vapur sabiħa"; "ommi hu mara twajba"; "it-traffiku hu problema kbir f'Malta"; "biex tkun għar Malta għandha toroq b' wisa żgħir"; "nippruvaw nevitawhom dawn l-ikel"; "l-ikel ħafna minnha, sfortunatament noħoduha bħala xi ħaġa mhux daqshekk important"; "Jien mort nara film fic-ċinema kbira li kellhom"; "Ir-roti jintużaw għal ġiex modi partikolar"; "persuna jista' jmur"; "Is-sewqan tar-rota tista' tgħin"; "hemm xi ħadd li lanqas bis jindunaw bil-ħsara li qegħdin jagħmlu".

Fuq livell aktar serju, bosta kandidati mhux talli ma kellhomx Malti idjomatiku imma talli kellhom espressjoni fqira u batuta. B'eżempju nġibu dawn is-sentenzi:

"peress li huma ta' transport malajr u żgħir, sidien il-muturi u roti min għalihom li jistaw jgħaddu min fejn irridu"; "tiġrijiet l-isptar" (minflok "ħafna ġiri lejn l-isptar"); "Ħafna mill-popolazzjoni Maltija jużaw il-mutur fuq bażi ta' kuljum"; "Hamsa ta' nies kellhom injuries kbar"; "Illum il-ġurnata qed jiżdiedu ħafna muturi fit-toroq Maltin anka roti speċjalment iż-żgħażagħ"; "Ma iffisirx li jekk nieklu u inzommu ruħna b'nitrizzjoni tajjba ma nieklux xi ftit ikel min dak li ahna nagħdu li iħaxxen bħal ħelu u qali, Imma għana iżommu bilanċ bejn kollox fil-hajja"; "Ix-xjentifika statistika maltija turi li tnejn min kull ħames persuni f'Malta ibgħatu min obesita dan minħabba li ma inżommux ruħhom nutrienti kif għandhom jagħmlu"; "tip ta' ikel ieħor b ħafna nuttritivi uma laffarijiet mamula mill-ħalib li jtuna calcium li jwassal għall-għadam bsahtu snin aktar nodfa u statura tal-ghadam aħjar"; "Fil-ġnien kien hemm siġra tal-oranġji "(minflok "tal-larinġ"); "Ix-xemx kienet tissreġ inħoss sufi jisħon jsir qisu forn"; "għall-id l-oħra" (i.e. "mill-banda l-oħra"); "Ir-roti u il-muturi qdien jiezdu kull sena mall oħra qemma qaffarijiet tajbien u qemm qaffarijiet ħżiena li nistaw niegħdu u neqdu lil-xufiera biex jieħdu hsieb meta jkunu fittoroq".

F'xi wħud mill-komponimenti kien hemm sentenzi twal ta' nofs faċċata u ġieli anki ta' paġna sħiħa; is-sentenzi kienu marbutin flimkien bil-konġunzjoni "u". Kien hemm drabi fejn il-"u" nkitbet "w". Xi drabi nkitbu sentenzi ma' xulxin mingħajr il-punteġġatura. Ġieli saħansitra kien hemm paragrafi bla ebda tip ta' waqfa:

"kien is-sibt adni niftakar meta jien u siħbi jake ideċidejna li morru għawdex għaliex ma' kelniex x'ngħamlu u ma' ridniex noqodu aktar nilgħabu bil-playstation bdejna nipraparaw lafarjiet u wara li konna ċertu li ma' insejna xejn ideċidejna li imorru."

## It-Tieni Taqsima

### A. Fehim it-Test

B'mod ġenerali l-kandidati wieġbu tajjeb għall-ewwel erba' mistoqsijiet. L-aħħar żewġ mistoqsijiet kien hemm min bata biex iweġibhom. Dan juri li l-kandidati qed isibu l-mistoqsijiet inferenzjali diffiċli mhux biss għax ma jifhmux biżżejjed dak li qed jaqraw imma wkoll għaliex huma neqsin mill-ħila li jirrispondu b'mod sħiħ, ċar, u li jinftiehem mistoqsijiet li jitolbu din il-ħila.

1. Ħafna mill-kandidati taw tweġiba tajba.
2. Kien hemm ħafna tweġibiet tajbin imma xi wħud taw raġunijiet ħżiena.
3. Kien hemm bosta li ma weġbux it-tieni parti.
4. Il-biċċa l-kbira ġabu din it-tweġiba tajba.
5. Ħafna taw tweġiba ħażina. Kien hemm min saħansitra fehem li ċ-ċikkulata tintuża biex issir il-birra! Oħrajn ħasbu li l-produtturi tal-birra riedu jnaqqsu l-abbuż fl-Afrika jew jieħdu ħsieb is-saħħa tal-poplu.
6. Kien hemm min ma kienx ċar fit-tweġiba tiegħu; u oħrajn ma wiġbux dak li kien mitlub minnhom. Kien hemm ħafna risposti li mhumiex marbutin mas-silta minkejja li fil-mistoqsija huwa speċifikat li r-risposta trid tkun "skont dak li qrajt". Ħafna ma kinux kapaċi joħorġu u jispjegaw id-differenza.

Ħafna kandidati m'għandhomx ħila jwieġbu fi kliemhom, imma bilfors iridu jikkupjaw it-tweġiba mis-silta; kultant anki jikkupjaw aktar milli għandhom bżonn għat-tweġiba. Oħrajn taw it-tweġibiet tagħhom f'għamla

ta’ punti. Fejn il-mistoqsija kienet titlob aktar minn tweġiba waħda, ħafna kandidati ma tawx it-tieni risposta. Hemm bżonn li l-kandidati jaqraw sew il-mistoqsijiet qabel ma jwiġbuhom u jaraw eżatt x’qed jiġi mistoqsi lilhom u anki joqogħdu attenti għad-dettalji mogħtija.

Għalkemm din is-sezzjoni tassessja l-ħila tal-fehim mill-qari, l-ortografija kienet batuta ħafna. F’xi każijiet kien diffiċli tiddeċifra x’inhu jwieġeb il-kandidat minħabba l-ispeling ħażin, grammatika fqira, u strutturi mħawda tas-sentenzi.

**B. Għarfien il-Lingwa**
Ħafna marru ħażin ħafna f’din il-parti.

Kien hemm min ma tax kas li fl-ewwel waħda kellu jagħti kelma waħda, minkejja l-fatt li fil-karta tal-eżami din il-ħaġa kienet ċara ħafna.

Bosta batew biex ifissru l-espressjonijiet b’sing taħthom. Filwaqt li kien hemm min wera li assolutament ma fehemx l-espressjoni, kien hemm oħrajn li sabuha diffiċli biex ifissruha fi kliemhom b’mod ċar u sħiħ. U xi wħud, l-espressjonijiet “minn jeddhom” u “nħolqot kuxjenza” ppruvaw jispjegawhom mhux kull espressjoni fis-sħuħija tagħha imma ż-żewġ kelmiet ta’ kull espressjoni separatament.

**It-Tielet Taqsima – Il-Grammatika**
Ftit wisq kienu dawk li kellhom it-tweġibiet kollha tajbin. Kien hemm min ħalla din it-taqsima barra. Oħrajn urew li ma kinux jafu jagħrfu bejn nom, verb, u partiċipju.

1. Ħafna mill-kandidati ġabu din it-tweġiba tajba. Xi tweġibiet ħżiena kienu: ‘jaħdem’, ‘għassies’, ‘jżomm’, ‘ewlieni’.
2. Il-maġġoranza tal-kandidati ġabu din it-tweġiba tajba.
3. Kien hemm bilanċ bejn in-numru ta’ kandidati li ġabu din it-tweġiba tajba u dawk li ġabuha ħażina. Xi tweġibiet ħżiena kienu: ‘Il-Bidwi’, ‘huwa’, ‘jaħdem’, ‘kampanja’, ‘itarrġu’, ‘xena’, ‘inbnew’.
4. Għadd kbir ta’ kandidati ġabu din it-tweġiba tajba avolja spellewha ħażin – l-aċċent tal-aħħar fil-kelma “responsabilità” ma jistax jitħalla barra. Xi tweġibiet ħżiena kienu: ‘irresponsabbli’, ‘sabli’, ‘abbli’, ‘respons’, ‘matur’
5. Ħafna mill-kandidati ġabu din it-tweġiba tajba. Xi tweġibiet ħżiena kienu: ‘jiddominaw’, ‘treqiet’, ‘tikħil’.
6. Ħafna mill-kandidati ġabu din it-tweġiba tajba. Xi tweġibiet ħżiena kienu: ‘dawn’, ‘qalb’, ‘għalqa’, ‘jiddominaw’, ‘ħitan’, ‘raba’.
7. Kien hemm bilanċ bejn in-numru ta’ kandidati li ġabu din it-tweġiba tajba u dawk li ġabuha ħażina. Xi tweġibiet ħżiena kienu: ‘il-bidwi’, ‘minn’, ‘itarrġu’, ‘Maltija’, ‘minbarra’, ‘trejqiet’, ‘trejqa’, ‘ħamrija’, ‘ewlieni’.
8. Ħafna mill-kandidati ġabu din it-tweġiba tajba. Xi tweġibiet ħżiena kienu: ‘5 forma’, ‘ħarġa’, ‘żwieġ’.
9. Kien hemm aktar kandidati li ġabu t-tweġiba ħażina milli tajba. Xi tweġibiet ħżiena kienu: ‘itarrġu’, ‘qalb’, ‘jgħaddi’, ‘karatteristika’, ‘Maltija’, ‘ħitan,’, ‘jifirdu’, ‘raba’’, ‘jiddominaw’, ‘rurali’, ‘ewlieni’.
10. Ħafna mill-kandidati ġabu din it-tweġiba ħażina. Xi tweġibiet ħżiena kienu: ‘kampanja’, ‘rurali’, ‘differenti’, ‘karatteristika’, ‘responsabbli’, ‘differenti’, ‘trejqiet’, ‘jaħdem’, ‘tajjeb’, ‘xena’.
11. Ħafna mill-kandidati ġabu din it-tweġiba tajba. Xi tweġibiet ħżiena kienu: ‘tikħil’, ‘jiddominaw’, ‘rurali’, ‘tinżamm’.

12. Ħafna mill-kandidati ġabu din it-tweġiba tajba. Xi tweġibiet ħżiena kienu: 'trejqiet', 'raba' iżomm', 'tikħil', 'jgħaddi', 'jsebbaħ'.

13. Il-maġġoranza tal-kandidati ġabu din it-tweġiba ħażina. Xi tweġibiet ħżiena kienu: 'ilma', 'ilmin', 'qluma'.

14. Il-biċċa l-kbira tal-kandidati ġabu din it-tweġiba tajba. Xi tweġibiet ħżiena kienu: 'ġibjun', 'ġeblija', 'ġebliet'..

**Ir-Raba' Taqsima – Ir-Rapport**

Kien hemm min ma tax isem lir-rapport li kiteb.

<u>Rapport 1</u>: Ftit kienu l-kandidati li għażlu dan it-titlu. U dawk il-ftit li għażluh mhux dejjem fehmu t-titlu x'kien qed jitlob minnhom, tant li xi wħud tkellmu dwar sessjoni waħda tal-ġbid tal-film u mhux skont kif talab it-titlu li l-ġurnalist kien preżenti għal diversi sessjonijiet. Oħrajn ma qalux li kienu preżenti għas-sessjonijiet tal-ġbid tal-films imma tkellmu b'mod ġenerali. Fost l-ideat li ssemmew kien hemm fejn qed jinħadem, għaliex intgħażlet Malta, liema postijiet qed jintużaw f'Malta, min huma l-atturi, is-serje tal-film, il-films l-oħra fis-serje, l-istorja tal-film, u meta se joħroġ il-film. Ma tantx tkellmu fuq il-ġbid tal-film innifsu. Kien hemm ukoll min irrapporta li l-film diġà nħadem u wasal biex joħroġ fiċ-ċinema allura kien iktar qisu f'forma ta' avviż jew riklam milli ta' rapport.

<u>Rapport 2</u>: Dan it-titlu l-aktar li ntgħażel. Fost l-ideat li l-kandidati taw għaliex ġara dan l-inċident insibu għax: splodiet il-magna tal-ajruplan; kien hemm xi żejt mal-art; kien hemm bomba fuq l-ajruplan; ma niżlux ir-roti; daħal xi għasfur fit-turbini tal-ajruplan; u l-pilota ħalla sigarett jaqbad fl-ajruplan. Kien hemm min qal li mietu xi nies f'dan l-inċident jew li sofrew ġrieħi gravi u kien hemm min qal li laħaq niżel kulħadd qabel qabad fl-ajruport. Issemmew ħafna l-ħaddiema tal-ajruport, tal-Protezzjoni Ċivili, tat-tifi tan-nar u tal-ambulanza jew tal-ewwel għajnuna li kienu hemm fil-pront hekk kif seħħ l-inċident.

Xi wħud ma tawx kas li fit-titlu kien hemm "wara li niżel fl-ajruport ta' Malta" u qalu li l-ajruplan kien sejjer f'xi destinazzjoni oħra u qabad fl-ajru u kellu jinżel b'emerġenża f'Malta. Inkella kien hemm min qal li qabad hu u nieżel jew inkella eżatt wara li telaq minn Malta. Tajjeb li l-kandidati jitħarrġu sabiex jiflu sew kull parti importanti tat-titlu mogħti lilhom.

<u>Kummenti ġenerali</u>: Għal darba oħra kien hemm ħafna rapporti magħmulin minn sentenza waħda, bla ebda sinjal ta' punteġġjatura. Ħafna kienu qosra ħafna, bla ebda sekwenza loġika u stil addattat għar-rapport. Ir-rapporti li fihom kont tara element ta' kreattività fl-ideat kont tgħoddhom fuq id waħda. Mill-banda l-oħra kien hemm rapporti twal wisq. Il-kandidati jridu jirrispettaw it-tul mitlub għax dan juri ħila fil-kitba konċiża.

Kien hemm bosta li kitbu r-rapport f'paragrafu wieħed minkejja li ttrattaw ideat differenti. It-tqassim tal-ideat f'paragrafi huwa parti mill-ħila tal-kitba tar-rapport li huwa għamla oħra ta' komponiment. U dan ifisser ukoll li jrid ikun hemm rabta bejn l-ideat – qed ngħidu dan għax kien hemm min niżżel l-ideat different f'lista ta' punti. U la r-rapport huwa għamla ta' komponiment, allura l-karatteristiċi tal-komponiment iridu jinżammu fir-rapport. Fost dawn il-karatteristiċi, l-aktar importanti huma:

- l-introduzzjoni,
- il-qofol tas-suġġett,
- il-koeżjoni tal-ideat,
- it-tqassim tal-paragrafi skont l-ideat,
- kitba ċara u bla żbalji,
- u l-konklużjoni.

Intilfu bosta marki minħabba l-iżbalji tal-grammatika u tal-ispeling.

Fost l-aktar żbalji ortografiċi komuni u rrepetuti f'ħafna skripts kien hemm dawn: "naqa" (minflok "naqra"); "nixxi"; "qeda", "eda" (minflok "qiegħda"); "ax"; "ażiż"; "tajdx"; "tijaj"; "tijaw"; "najdlekx"; "tagħkhom"; "ada"; "niktbilkhom"; "newmu" (minflok "ngħumu"); "tal-nar". Meta tkellmu dwar l-inċident fl-ajruport kienu bosta li qalu li ġew il-'fire angels' u li l-feruti ttieħdu l-isptar 'Mater Die'. Dawn ma kinux waħdiet imma rrepetuti minn skript għal ieħor u jagħtu l-impressjoni ta' traskuraġni. Kien hemm ukoll min baqa' jikteb "Ajruplan" b'ittra kapitali matul ir-rapport kollu anki meta l-kelma kienet tiġi f'nofs is-sentenza.

Żbalji oħra jidhru f'dawn l-eżempji: "weġġaw żewġ min-nies"; "28-il sena, 22-il sena"; "sebgħa persuni oħra ġarfu ġrieħi ħfif"; "Sfaw feruti 36 passiġieri"; "Dalgħodu għall-xil ħaba ta' 4.30am ajruplan żgħir ..."; "L-ajruport se ikun maluq mil-5:00am – 1:00pm."; "Ir-raġel nsafa miġrub"; "niżel fl-ajruport ta' Malta fil-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija"; "ajruplan inqabad bin-nar"; "jinqabad ajruplan"; "l-ajruport jerġa' jiġi operibbli"; "mentananza" (*maintenance*);"Lanqas l-aħaq niżel, li ħan-nar"; "imsewwaq" (minflok "misjuq"); "fjumi" (*fumes*); "tajra" (minflok "titjira"); "passaġġaturi"; "Ilbieraħ madwar il-ħabta ta' ħdax il-lejl"; "atterraġ ta' malajr"; "sparka" (minn spark); "pilatu" (minflot "pilota" jew "bdot"); "il-baħar kienet ċar"; "kilt platt għaġin tajba"; "nespressa l-gratitudni"; "s'għand id-dar tiegħu"; "F'Luqa" (minflok "f'Ħal Luqa"); "mal-ħabta" (minflok "għall-ħabta"); "posponata" (minflok "posposta"); "dan ġie mitqal"; "tiġbid ta' film" (minflok "ġbid ta' film");"ġew staqsuti"; "sab l-ajruplan fuq in-nar"; "l-ajruplan kellu jpoġġi fl-art"; "Sfortunatament ħadd ma weġġa'" (!!); "l-unika problema kienet li sfrutta l-art"; "l-ambulanza ġiet fuq iċ-ċena immedjatament"; "Illum fil-ħabta tas-sitta"; "Jiffilmaw l-ewwel mill-ħafna parti tal-film"; "Jilgħab il-parti tar-raġel"; "Channing Tartum huwa l-karattru umani li għandu roll importanti tul il-film"; (il-film) "ma kienx ta' togħma tagħna"; "Il-film se jiġi meħlus fiċ-ċinema ta' Malta"; "Dan il-fim jimxi wara tfajla ta' 16-il sena"; "L-ajruplan fuq in-nar"; "Nispera li qed tieħdu pjaċir fuq il-btala tagħkom"; "Marru fuq il-post għax ħebrithom il-kurżità"; "il-ħaddiema tan-nar"; "ajruplan qabad in-nar"; "l-ajruplan ġarraf ħsarat intensive"; "l-ajruplan mistenni jerġa' jbakkar fuq vjaġġ ieħor"; "il-pilota ġie meħlus mill-isptar"; "L-ajruport ta' Malta huwa magħluq mhux fuq titjira li ma tistax tiġi pposponjata"; "għandha kemxa żmien fuqha".

Xi wħud ma jagħmlux differenza bejn nomi propji u nomi komuni.

Il-prattika normali fejn jidħlu n-numri hija li meta numru jkun ta' kelma waħda dak in-numru jinkiteb sħiħ bħala kelma (eż. "tarbija ta' tnax-il xahar", "weġġgħu tliet passiġġieri"), u meta n-numru jkollu aktar minn kelma waħda jinkiteb b'figuri (eż. "raġel ta' 38 sena", "sfaw feruti 22 passiġġier"). Il-prattika normali wkoll tippermetti li l-ħinijiet jinkitbu b'figuri, imma fil-Malti rridu noqogħdu attenti li l-artiklu li jmur mal-ħin ikun tajjeb: eż. "mis-1.00 p.m. sas-2.00 p.m." (mhux "mill-1.00 p.m. sat-2.00 p.m.").

Kultant il-kandidati jdaħħlu xi elementi li ma jixirqux f'rapport bħal meta fil-bidu tar-rapport jgħidu "Għeżież..." jew "F'dan ir-rapport se nikteb dwar inċident li seħħ fl-ajruport ta' Malta" –barra milli ma jixraqx bħala bidu, it-tieni eżempju huwa ħela ta' kliem. Ma jixraqx ukoll għeluq bħal dan: "Grazzi ħafna li smajtuni. Aktar informazzjoni aktar tard."

**Il-Ħames Taqsima – L-Ittra**

Kien hemm aktar kandidati li għażlu l-ittra milli r-rapport; u ħafna għażlu l-'email'. Mhux kulħadd żamm mat-tul mitlub, u bosta kitbiet ma kellhom ebda punteġġatura – donnu hemm impressjoni li fl-'emails' m'għandekx bżonn punteggatura. Infakkru li n-nuqqas ta' punteġġatura (f'kull parti tal-karta) itellef il-marki. Il-messaġġ tal-ittra (kemm tal-ittra formali u kemm tal-'email') irid ikun ta' tmenin kelma – l-indirizzi ma jgħoddux għax dawk jingħataw fil-karta tal-eżami. Kien hemm min l-ittra għamilha twila wisq jew qasira wisq. Il-kandidati jridu jitħarrġu aktar fil-kitba konċiża u preċiża.

L-ittra wkoll hija għamla ta' komponiment u għalhekk dak kollu li għedna fuq ir-rapport jgħodd ukoll għall-ittra. Barra minn hekk, parti mill-istil tal-ittra tinkludi t-tislima u t-tislija – kien hemm xi kandidati li dawn ma għamluhomx. Mhux kulħadd kien jaf kif jiftaħ u jagħlaq ittra.

Kien hemm min ma nqediex bl-ismijiet li ngħataw fil-karta tal-eżami, imma kiteb ismijiet oħra. Dan tellifhom il-marki. U ta' min ifakkar li meta niktbu ittra lill-ġenituri tagħna ma nagħlquhiex b'kunjomna.

Bosta kandidati ttraskuraw ir-regoli tal-kitba, tal-istil, u tal-ortografija. B'eżempju nsemmu dawk li kitbu:

- "għażiż ġenituri" jew "ażiż ġenituri" (minflok "Għeżież ġenituri")

- “kif inthom?” (minflok “Kif intom?”)
- “Aw Ma”, jew “Aw Pa”

Ġie nnutat l-użu frekwenti tal-forma kollokjali “hekk” bħal f’dawn l-eżempji: “L-eżami kien hekk għad-disgħa”; “Wasalna d-dar hekk għat-tmienja”; “Qomt hekk għas-sebgħa”; “Mort hekk għall-ħabta”; “Hekk f’nofsinhar...”; “Hekk għall-ħabta tal-ħdax”.

1. L-ittra formali: Kien hemm min indirizzaha lill-prinċipal biss jew lill-għalliem/a biss, meta l-istruzzjoni tal-eżami kienet li għandhom jiġu indirizzati t-tnejn f’daqqa. Fost l-ideat li ssemmew kien hemm: ringrazzjament tal-kors; ringrazzjament ta’ kemm ħadu ħsiebhom; il-fatt li bis-saħħa tal-kors sabu karriera tajba wara; il-kors bħala preparazzjoni tajba għal dak li kienu se jistudjaw wara; il-fatt li l-kors kien utli wkoll għall-iżvilupp personali tagħhom bħala karattru; il-probabilità li l-kors se jkun utli għal min se jagħmlu warajhom; inkoraġġament biex il-kors jibqa’ jsir.

2. L-‘email’: Xi wħud mill-ideat kienu jinkludu li marru għand in-nanniet jew marru xi mkien man-nanniet; li ħarġu mal-ħbieb; li marru dawra bil-kelb; li marru l-baħar; li kellhom xi eżami; li qattgħu ġurnata Għawdex; li jorqdu jew jaraw it-televixin; li darba xi ħadd kellu d-deni u qed jara t-televixin u jilgħab bil-mowbajl.

Kien hemm uħud li indirizzaw l-ittra lill-omm jew inkella lill-missier biss u għalhekk ma segwewx dak li kien hemm fil-karta tal-eżami fejn l-istruzzjoni tgħid li l-ittra kellha tintbagħat lill-ġenituri t-tnejn.

Xi kandidati kitbu li huma stess kienu fuq btala (mhux il-ġenituri) u għalhekk ħarġu barra mis-suġġett. Kien hemm każ partikulari ta’ kandidat li kiteb ‘email’ u qalilhom li l-ittra tista’ tasal tard minħabba l-posta: “Jista’ jkun li tasal ftit tard din l-ittra minħabba tal-post hekk kif resqin lejn il-Milied.”

Konklużjoni għar-rapport u l-ittra: Deher li l-kandidati ma ppjanawhx ix-xogħol, u kien hemm bosta repetizzjoni tal-istess idea f’biċċa xogħol waħda. Barra minn hekk, kien hemm min kiteb sentenzi twal ħafna li jagħmlu paragrafu sħiħ: tul bħal dan iġagħalhom jiżbaljaw aktar. Oħrajn naqsu li jużaw il-punteġġatura.

**It-Tieni Karta A**

L-istudju tal-letteratura jġib lill-kandidati wiċċ imb wiċċ mal-lingwa fl-aktar forom varjati u kumplessi tagħha. F’dawn il-kumplessitajiet jiġu ppreżentati l-ħsibijiet, l-esperjenzi, u s-sentimenti ta’ nies li jeżistu ’l hemm mill-ambjent ta’ kuljum tal-kandidati. U għax il-kandidati joqorbu lejn dan iċ-ċirku ta’ għarfien ikunu f’qagħda biex jirriflettu fuq tiġrib uman li jkun possibbli imma li huma qatt ma ltaqgħu miegħu. Jitgħallmu jempatizzaw u għall-iskop ta’ dan l-eżami jeħtieġ jitgħallmu jfissru ruħhom b’lingwa xierqa. Jiġifieri, jekk jaslu jifhmu l-kumplessitajiet tal-lingwa u jaslu jfissru rwieħhom b’mod xieraq dak kollu li jifhmu, ikunu qegħdin juru ħakma profiċjenti tal-Malti.

Din il-ħila tħabbat wiċċha mal-isfida tal-ħin, u b’mod ġenerali jista’ jingħad li l-kandidati li marru tajjeb fit-Tieni Karta A wrew li huma kapaċi jqassmu l-ħin tajjeb. Bosta ħadmu t-taqsimiet kollha u fl-esejs letterarji laħqu l-kwota tal-ammont ta’ kliem meħtieġ. Jidher ukoll li bosta kandidati ħassewhom aktar komdi jiktbu l-esejs letterarji milli jwieġbu l-mistoqsijiet tar-referenzi għall-kuntest.

Il-kandidati wkoll iridu jagħrfu d-differenza bejn kelma, frażi, sentenza, u vers; u meta jintalbu jikkwotaw mis-siltiet iridu jinqdew bl-*inverted commas*.

**Referenza għall-Kuntest (Il-Poeżija)**

B’mod ġenerali ngħidu li l-kandidati li għażlu Silta B marru aħjar minn dawk li għażlu Silta A. Żball komuni ta’ xi kandidati kien li ma bdewx jagħmlu distinzjoni bejn mistoqsija (a) u (b) tal-istess mistoqsija. Ngħidu aħna, mistoqsija numru 3 ta’ Silta A kienet maqsuma f’(a) u (b), imma xi wħud wieġbu ż-żewġ mistoqsijiet f’waħda.. Ħafna dehru li ma kinux midħla tar-regoli tal-metrika.

Silta A:

1. Kien hemm min għamel id-distinzjoni bejn iċ-ċaflis u l-ġmiel tal-ilmijiet. Imma, numru mhux ħażin ta' kandidati rreferew għall-ilma maħmuġ u ma tkellmu xejn fuq il-qagħda tal-bir. Ftit kandidati użaw il-kelma "kuntrast", u ftit ukoll kienu dawk li semmew li l-poeta joħloq kuntrast bejn il-kruha u l-ħlewwa.
2. Kienu ftit li taw tweġiba tajba li t-tond jirrappreżenta uniformità u ħlewwa. Xi wħud ħalltu l-kelma "satal" ma' "bir". Ħafna kitbu li ħajjet il-poeta nbidlet għan-negattiv u ma baqgħetx bħal qabel. Kien hemm xi wħud li ma fehmux il-mistoqsija.
3. (a) Kważi ħadd ma silet erba' kelmiet/frażijiet tajbin li jiffurmaw reġistru pożittiv. Ħafna kandidati kitbu 2 jew 3 tajbin. L-aktar li rreferew għalihom kienu "għaġeb tal-għeġubijiet", "ġmiel ta' ilmijiet" u "fjura bajda". Kien hemm kandidati li minflok ikkwotaw frażijiet kitbu versi sħaħ.

   (b) Ftit kandidati kitbu r-risposta tajba: l-effett tal-istagħġib. Aktar emfasizzaw is-sbuħija u l-ġmiel. Oħrajn qalu li qed joħloq pożittività.
4. Ħafna semmew li kien hemm bidla kif issa l-poeta qed jara l-bir f'dawl sabiħ.
5. Hawnhekk kien hawn l-aħjar tweġibiet tal-kandidati u bosta ħadu l-marki kollha marbuta ma' din il-mistoqsija. Il-kandidati semmew li l-bniedem jista' jesperjenza żminijiet koroh iżda xi darba l-folja ddur u jesperjenza dak li hu sabiħ.
6. Kien hemm għadd żgħir ta' kandidati li sabu ż-żewġ versi tronki. Bosta kandidati wrew li ma jafux x'inhu vers tronk. Fost dawk li taw tweġiba, kien hemm uħud minnhom li ma tawx raġuni valida għala l-poeta jużahom.

Silta B:

1. Il-maġġoranza tal-kandidati sabu s-similitudni. Kien hemm min fisser is-similitudni minflok ikkummenta fuq l-effett tagħha.
2. Il-maġġoranza tal-kandidati kitbu li jammiraw lil protagonista. Ħafna kitbu li għalkemm tifla, din ma beżgħetx. Ftit kandidati kitbu li din qabżet għal annimal innoċenti u ma ttolleratx tara lil min jaħqar lill-qattus. Kien hemm min għażel lit-tifel (poeta-narratur).
3. Il-maġġoranza tal-kandidati kitbu r-risposta tajba billi siltu l-frażijiet preċiżi. Xi kandidati ma kinux speċifiċi fl-għażla tal-kwotazzjoniiet u kkupjaw versi sħaħ mill-poeżija.
4. (a) Il-maġġoranza tal-kandidati kitbu r-risposta tajba.

   (b) Għalkemm il-kandidati kellhom jisiltu vers wieħed, xi wħud ikkwotaw l-vers ta' qablu wkoll.
5. (a) Ħafna kandidati taw tweġiba tajba. Kien hemm oħrajn li ma kinux jafu x'inhi metrika. Kien hemm ukoll bħala tweġiba ta "versi mħawdin" jew "rima mħawda".

   (b) Ftit wisq qalu għaliex il-poeta juża din il-metrika.
6. Fil-maġġoranza l-kandidati wieġbu b'mod korrett u xi drabi kitbu fit-tul.

**Referenza għall-Kuntest (Il-Proża)**

B'mod ġenerali ngħidu li l-kandidati kienu komdi jwieġbu l-mistoqsijiet ta' Silta A. Kien hemm ħafna aktar kandidati li wieġbu dawn il-mistoqsijiet milli dawk fuq Silta B. Kultant il-kandidati ma kitbux biżżejjed biex jiksbu l-marki kollha allotjati għall-mistoqsijiet; jew kitbu fil-qasir wisq, bla ma elaboraw. Dan bosta drabi kien juri li ma kinux kapaċi jfissru ruħhom sew.

Silta A:

1. Il-maġġoranza tal-kandidati taw tweġiba tajba. Imma kien hemm xi wħud li ma spjegawx l-ironija jew ma spjegawhiex sew.
2. Is-similitudni nstabet mill-parti l-kbira tal-kandidati. Dwar l-effett li toħloq is-similitudni kien hemm kandidati li tkellmu fuq id-dehra fiżika tal-protagonista u ma tkellmux fuq l-indafa, l-innoċenza, il-ħlewwa, u l-purità tagħha ġewwa qalbha.
3. Bosta kandidati ma indunawx li l-kuntrast kellu jkun fl-emozzjonijiet tal-protagonista. Ftit kienu dawk li identifikaw il-kuntrast bejn 'ferħ' u 'biża'' b'mod dirett. Il-maġġoranza tal-kandidati kitbu dwar il-ferħ tal-karattru prinċipali. Biss kien hemm ħafna li minflok biża' kitbu niket u dwejjaq

minħabba l-folla tan-nies. Kien hemm min il-kuntrast rah bejn is-sewwieq li kellu qalbu tajba u l-folla kattiva.

4. Dwar il-kwotazzjoni kien hemm għadd mhux ħażin li kitbu kwotazzjoni li ma kinitx tajba. Oħrajn ma indunawx bit-tieni parti tal-mistoqsija u ma taw ebda kwotazzjoni. Xi kandidati ma kinux jafu xi tfisser "karatteristiċi" u taw tweġibiet bħal "iwerżqu" u "jidħqu" li huma azzjonijiet mhux karatteristiċi.
5. Ħafna kandidati kitbu "nuqqas ta' rispett" jew li "hi kienet inqas minnhom" mingħajr ma elaboraw b'mod xieraq. Ftit kienu dawk il-kandidati li kitbu li l-użu tal-laqam kien qed ibaxxi l-umanità tal-protagonista.

Silta B:

1. Ħafna mill-kandidati semmew li l-protagonista kienet tistennieh biex tara jekk tal-posta hux se jġibilha xi ittra. Xi wħud kitbu li kienet iddiżappuntata, imma kien hemm bosta kandidati li kitbu dwar il-ħeġġa jew l-ansjetà li bdiet tħoss.
2. Ftit kienu l-kandidati li elaboraw fuq il-fatt li l-protagonista nħasdet (u donnha waqfet taħseb). Dawn semmew li ma kinitx qed tistenna ittra bħal dik. Oħrajn semmew li l-awtur uża sentenza qasira biex joħloq pawsa ħalli naħsbu bħalha.
3. Ħafna kandidati taw parti mit-tweġiba tajba. Fost it-tweġibiet li ssemmew kien hemm il-kurżità, is-suspetti, u d-dubju li kienet qed iġġarrab.
4. L-aktar tweġibiet komuni kienu li ma kinitx taf min kien qed jibgħatilha l-ittri u li fihom kien hemm l-istess kliem. Ħafna kandidati taw tweġibiet xotti wisq.
5. L-aktar li kitbu kienu biża', diżappunt, u kurżità. Ħafna mill-ispjegazzjonijiet kienu relevanti.

**Il-Komponimenti Letterarji**

Il-kandidati jeħtieġ li jitħarrġu aktar fil-kitba ta' introduzzjonijiet u konklużjonijiet effettivi. Ħafna kandidati jagħżlu li għall-introduzzjoni jdawru t-titlu fi kliemhom u għall-konklużjoni jerġgħu jirrepetu dak li jkunu semmew fil-qosor jew jerġgħu jirrepetu dak li jkunu kitbu fit-titlu. Sfortunatament kien hemm numru żgħir ta' komponimenti letterarji mingħajr introduzzjoni jew konklużjoni.

Matul l-iżvilupp kien hemm ħafna kandidati li ntilfu jirrakkuntaw l-istorja fi kliemhom minflok jippreżentaw l-argument u jispjegawh b'eżempji validi mill-kitbiet letterarji. Oħrajn kienu jidhru li mmemorizzaw sett ta' noti, imma mbagħad naqsu milli jorbtuhom mat-titlu. Xi drabi l-kandidati ħarġu barra mis-suġġett ukoll.

Minkejja li l-kandidati mhumiex mitluba speċifikament li jikkwotaw kelma b'kelma, kien hemm xi wħud li użaw kwotazzjonijiet korretti b'mod għaqli. Madanakollu kien hemm numru mhux ħażin ta' kandidati li bdew inizzlu kwotazzjonijiet mhux eżatti fil-virgoletti. Huwa mistenni li jekk il-kandidat jagħżel li jikkwota biex isaħħaħ l-argument, dan għandu jkun bl-eżatt u mhux jivvintaha. Huwa ssuġġerit li jekk il-kandidati ma jkunux jafu l-kwotazzjoni bl-eżatt jagħmlu parafrasi.

Nuqqas ieħor kien li xi wħud ma għamlux transizzjoni tajba minn xogħol għal ieħor li jsemmu. Dawn naqsu milli jorbtu x-xogħlijiet flimkien.

<u>It-Tielet Taqsima: Il-Komponiment Letterarju ('Bejn Ħaltejn', barra 'Il-Ħarsa ta' Rużann')</u>

Xi kandidati ma jagħmlux distinzjoni bejn novella u poeżija u matul il-komponiment iħalltu poeżija ma' novella u bil-maqlub. Xi kandidati użaw dejjem "poeta".

Ħafna mill-komponimenti letterarji kienu twal iżżejjed u oħrajn kienu qosra wisq.

Għadd kbir ta' kandidati kienu midħla sew tas-suġġetti mogħtija. Saħansitra kien hemm bosta li kkwotaw kelma b'kelma xi versi jew frażijiet kemm mill-poeżiji u kemm minn xi novelli. Xi kandidati kellhom introduzzjoni u konklużjoni effettivi għall-esejs letterarji tagħhom.

Bosta kandidati għamlu kitba analitika tajba ta' 'Jum San Valentin' u 'Xtara l-Ħut fil-Baħar'. Kien hemm xi wħud li ħawdu l-ismijiet. Xi wħud użaw l-espressjoni "joħroġ għall-politika" jew "jitla' fil-parlament" ħażin. Dawn bdew jiktbu "jitla' għall-politika". Ħafna mill-kandidati semmew li f''Jum San Valentin' hemm emozzjoni ta' rabja u diżappunt għax iż-żwieġ falla u li l-poetessa tixtieq tisfoga l-uġigħ tat-tradiment. Xi wħud semmew li l-poetessa tuża l-kartolina b'mod ironiku biex tkun tista' tesprimi r-rabja tagħha. Kien hemm ħafna li rreferew għas-similitudnijiet "iswed duħħan bħal-moħħi" u "aħmar nar bħal demmi jbaqbaq". Ħafna semmew il-metafori tal-"balla" u l-"ballun" iżda ftit tkellmu fuq l-effett li joħolqu. Fi 'Xtara l-Ħut fil-Baħar', ħafna mill-kandidati semmew li lis-Sur Tonin imlewlu rasu li se jkun elett fl-elezzjoni u nefaq ħafna flus. Kitbu li s-Sur Tonin kien iddiżapuntat l-aktar meta sar jaf li ġab 37 vot biss. Kien hemm xi ftit li taw referenzi speċifiċi għal x'wassal għal dan id-diżappunt. F'din il-parti tal-komponiment, kien hemm xi kandidati li waqgħu fin-nassa li jirrakkontaw l-istorja flok jirreferu għall-partijiet essenzjali. Bħala introduzzjoni kien hemm numru ta' kandidati li semmew li fiż-żewġ xogħlijiet niltaqgħu ma' persuni li sofrew jew batew f'ħajjithom minħabba persuni oħra fis-soċjetà li jgħixu fiha. Kien hemm ħafna kandidati li għall-introduzzjoni reġgħu kitbu t-titlu tal-komponiment fi kliemhom. Fil-konklużjoni xi kandidati għażlu li jiktbu dwar l-effett ta' dawn iż-żewġ xogħlijiet bħal, pereżempju, "Dawn ix-xogħlijiet għandhom ikunu opportunità biex aħna l-qarrejja nkunu konxji li f'ħajjitna nistgħu ngħaddu mit-tbatija li jikkawżalna ħaddieħor." Diversi drabi l-kandidati ma fehmux il-mistoqsija sewwa, jew wieġbu parti minnha biss. Kien hemm min kiteb li s-Sur Tonin ħareġ għal "sindku", oħrajn li ħareġ għal "ministru", eċċ.. Il-kliem vulgari jew baxx huwa mifrux f'numru kbir ta' tweġibiet. Il-kandidati ma jirrealizzawx li hemm differenza bejn lingwa mitkellma u lingwa formali miktuba.

Il-parti l-kbira tal-kandidati wieġbu tajjeb dwar il-fattur komuni li hemm f''Niftakar' u 'Bank' u kienu kapaċi jwieġbu tajjeb dwar l-imħabba u l-firda li ħassew il-poeta u l-kittieb. 'F''Niftakar' ftit kienu dawk li emfasizzaw il-kuntrast li hemm bejn il-ferħ u n-niket fil-poeżija hekk kif rifless fil-vokabularju użat. Spikkaw ċerti versi popolari li l-kandidati kkwotaw kelma b'kelma ("jien u l-baħħ.../ sodda ta' tnejn..."). Ftit kandidati taw referenzi speċifiċi fuq il-kuntrast li hemm bejn iż-żewġ strofi bħal: "sbuħitna mħabbitna" vs "żgħożitek sbuħitek hekk ħesrem mitmuma f'tebut". F' 'Bank' ħafna kandidati semmew in-nuqqas li jħoss Krazju lejn il-mara tiegħu li mietet. Ħafna semmew li Krazju xtara bankijiet ġodda biex jikseb il-bank li fuqu kien hemm l-ismijiet tagħhom minquxin u li kien siefer lil martu meta kien taha attakk qalil tat-tuberkolosi. Ftit kienu dawk li semmew l-għażla ta' aġġettivi li juża Krazju meta jitkellem dwar martu u kif għajnejh jimtlewlu bid-dmugħ meta jsemmiha. Għall-poeżija 'Niftakar' kien hemm xi kandidati li minkejja li semmew il-memorja sabiħa tat-tieġ u n-niket u d-dispjaċir li kellu l-poeta għax martu mietet, kitbu li r-relazzjoni tal-poeta u martu falliet minħabba l-mewt. L-imħabba lejn martu ma waqfitx wara l-mewt għalhekk wieħed ma jistax jargumenta li ż-żwieġ tagħhom kien fallut. Kien hemm xi kandidati li ffukaw biss fuq il-parti tal-ferħ u ċ-ċelebrazzjoni fil-jum tat-tieġ u ż-żmien sabiħ li kienu se jqattgħu flimkien imma ma rreferewx għan-niket u d-dispjaċir fil-mewt ta' martu. Xi drabi l-kandidati ma jiddistingwux bejn poeżija u novella. Ħaġa oħra ta' min wieħed jinnota hija li xi wħud ma jiddistingwux bejn awtur u narratur. Żball ieħor rikorrenti f'bosta kandidati kien li kitbu li l-imħabba ntemmet meta mietet il-mara (tal-poeta f''Niftakar' u ta' Krazju Ebejer f''Bank'. "Il-mewt kissret l-imħabba" u "ir-relazzjoni tagħhom spiċċat fix-xejn" ('Niftakar'). Ma jirrealizzawx li bniedem jista' jibqa' jħobb persuna anki wara mewtha.

Il-maġġoranza tal-kandidati għamlu analiżi tajba ta' 'Quo Vadis?' u 'Żagħżugħ ta' Dejjem'. Xi wħud baqgħu wisq superfiċjali u ma tkellmux biżżejjed fuq x'qed tosserva l-ħarruba, jew semmew biss li l-baħar jaf ikun kattiv, mingħajr ma tkellmu dwar il-fatt li l-baħar ma jixjieħ qatt. Bosta kandidati rreferew għall-analiżi u l-ħsieb ġenerali tal-poeżiji..Ħafna mill-kandidati bdew billi esprimew l-importanza tar-riflessjoni fil-ħajja. Fi 'Quo Vadis?' . Oħrajn semmew li l-ħarruba xiħa tinsab fuq għolja tosserva l-ħajja mgħaġġla u l-materjaliżmu tan-nies. Semmew li l-ħarruba tirrappreżenta lill-poeta. Xi kandidati semmew il-kuntrast bejn il-ħajja tal-ħarruba u tal-bniedem. F''Żagħżugħ ta' Dejjem', il-kandidati irreferew għall-fatt li ż-żmien jgħaddi u kollox jixjieħ jew jintemm iżda l-baħar jibqa' żagħżugħ. Ftit kienu dawk li semmew li l-poeta jħares lejn tfulitu b'mod nostalġiku. Xi kandidati rreferew għas-siġra tal-balluta u l-blat tal-muntanji li wkoll isofru l-effett taż-żmien. Oħrajn semmew li l-ħruxija tal-baħar iġġiegħel lill-poeta jirrifletti dwar il-mewt ta' missieru.Għall-poeżija 'Quo Vadis', kien hemm xi kandidati li minkejja li semmew li hemm ħarruba xiħa

qed tħares minn fuq għolja u tosserva lin-nies għaddejjin, ma qalux li metaforikament il-poeta nnifsu huwa l-ħarruba xiħa. Ħafna kandidati ma kkummentawx fuq il-materjaliżmu tas-soċjetà. Għal 'Żagħżugħ ta' Dejjem', ħafna mir-referenzi li għamlu kienu korretti li ż-żmien jgħaddi u kollox jixjieħ. Madankollu kien hemm diversi kandidati li ffukaw aktar fuq il-baħar u rreferew għall-imħabba li għandu l-poeta lejn il-baħar. Fir-referenza għall-poeżija 'Żagħżugħ ta' Dejjem', kien hemm min kiteb li l-baħar huwa ħelu meta jkun kalm u ikrah meta jkun imqalleb, imma ma nkiteb xejn dwar iż-żmien li jgħaddi u jxejjaħ, kif fil-fatt jagħmel il-poeta fil-bidu tal-poeżija.

Xi żbalji komuni li saru kieni li: il-kandidati ma qasmux il-komponiment f'paragrafi, għaldaqstant ma kienx hemm distinzjoni bejn l-introduzzjoni, il-qofol, u l-konklużjoni; l-introduzzjoni kienet repetizzjoni tat-titlu u għalhekk ma kinitx waħda effettiva; xi drabi l-konklużjoni kienet repetizzjoni tal-introduzzjoni u b'hekk kienu simili għal xulxin; l-għażla mhux dejjem kienet waħda għaqlija għaliex jew ħalltu l-istejjer, ngħidu aħna l-istorja ta' 'Bank' ġiet imfixkla ma' 'Firda minn Kelb' jew inkella ġew ivvintati l-istejjer fis-sens li ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-istorja; poeżija tissejjaħ novella u viċi versa;poeta jiġi indirizzat b'ismu minflok b'kunjomu;nuqqas ta' referenzi indiretti/diretti; kif ukoll jinkitbu referenzi diretti mingħajr ma jintużaw l-*inverted commas*. Ftit qed tingħata importanza lill-ortografija u lill-istrutturi tas-sentenzi- dan hu importanti għaliex qegħdin jintilfu l-marki kollha abbinati magħhom.

Il-kandidati għandhom jagħmlu distinzjoni bejn esej u ieħor, għaliex kien hemm min kiteb introduzzjoni waħda, daħħal l-analiżi ta' żewġ komponimenti, imbagħad għalaq b'konklużjoni waħda. B'hekk ġie qisu esej wieħed minflok tnejn.

<u>Ir-Raba' Taqsima: Il-Komponiment Letterarju ('Il-Ħarsa ta' Ružann')</u>

<u>Titlu 1</u>

Dan il-komponiment kien l-iktar wieħed komuni mill-kandidati. Bosta għamlu osservazzjoni u argumenti validi fuq dan it-titlu. Xi kandidati tilfu l-marki għax: għamlu rakkont biss, ħawdu l-karattri, jew inkella qalu x'għamlu f'ħajjithom. Uħud qatgħu barra karattri importanti bħal Ġina jew Luċija. Xi kandidati m'għamlux introduzzjoni u qabdu jitkellmu fuq Rużann mill-ewwel u x'għamlet f'ħajjitha. Kien hemm dawk imbagħad li qatgħu fil-qasir, bla konklużjoni jew tkellmu fuq fuq dwar il-ġrajja. L-aktar fattur sinjifikanti kien li bosta kandidati ma laħqux l-għadd ta' kliem mitlub. Għalhekk dawk li kellhom il-komponiment daqsxejn qasir tilfu ħafna marki. Kien hemm min semma lid-dixxendenti ta' Rużann kollha kif ukoll lil Lurenz u Salvina. Semmew ħafna punti validi; madanakollu kien hemm l-iżball komuni li jirrakkuntaw minflok janalizzaw. Il-fowkus ta' dan l-esej kien l-iżvilupp tal-mara iżda xi kandidati ddedikaw paragrafi sħaħ fuq Karmenu u Pietru. Kien hemm ħafna kandidati li semmew kif il-mara emanċipat ruħha matul iż-żmien billi rreferew għal Rużann bħala mara ta' karattru sod li sfidat lis-soċjetà u marret kontra r-rieda ta' Mark Antonin meta ma żżewġitux u rabbiet lil binha weħedha. Semmew kif il-mara baqgħet ittejjeb il-qagħda tagħha matul il-ġenerazzjonijiet kemm fid-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-familja (Marija) u kemm kif 'il quddiem jibnu karriera (Ġina u Luċija). Il-kandidati qabblu l-karattri ta' Marija u ta' Wenzu. Semmew li Wenzu jidher dgħajjef ħdejn Marija għaliex hija turi saħħa fiżika fl-episodju ta' meta waddbet lis-sagristan 'il barra u kienet determinata li tagħti edukazzjoni xierqa lil uliedha. Dan jixhed kemm il-mara kienet qed tavvanza. Kien hemm ħafna li semmew li Rużann influwenzat lid-dixxendenti tagħha biex jiksbu l-edukazzjoni. Il-kandidati semmew ukoll il-viżjoni ta' Pietru fuq l-edukazzjoni. Diversi kandidati qabblu l-karattru ta' Ġina ma' dak ta' Rużann u qalu li kellha karattru sod għaliex rabbiet lil bintha Luċija waħedha bħalma Rużann rabbiet lil Karmenu waħedha. F'dan il-komponiment, kien hemm it-tendenza li l-kandidati jargumentaw skont l-ordni tal-karattri.

<u>Titlu 2</u>

Dan il-komponiment intgħażel minn għadd żgħir ta' kandidati. Bosta għamlu osservazzjoni tajba ta' kif tbiddlet is-soċjetà mis-seklu dsatax sal-lum. L-iktar difett komuni hawnhekk kien li l-kandidati m'għamlux referenza għall-karattri tar-rumanzett u allura tkellmu fuq is-sistema ta' fewdaliżmu mingħajr ma semmew

lil Mark Antonin jew inkella tkellmu fuq il-ġrajjiet tas-Sebgħa ta' Ġunju mingħajr ma semmew lil Pietru. Xi kandidati osservaw b'mod tajjeb ta' kif tbiddlet is-soċjetà mis-seklu dsatax sal-lum. Kien hemm min semma s-sistema fewdali u d-distakk fil-klassijiet soċjali u ħalla barra kompletament l-irvellijiet tas-Sebgħa ta' Ġunju, l-Independenza, u r-Repubblika. Il-progress li ġabet magħha l-edukazzjoni wkoll issemma minn xi wħud. Il-kandidati għamlu kuntrast bejn il-karattri tal-familja nobbli de los Ingallos u l-bdiewa li jaħdmu fl-għelieqi tagħhom bħala referenza għall-fqir u għas-sinjur. Ħafna kandidati għamlu referenza għall-fatt li kien hemm differenzi kbar bejn il-klassi l-għolja u l-klassi l-baxxa. F'dan ir-rigward kien hemm għadd ġmielu ta' kandidati li semmew li Mark-Antonin kellu karattru sod għall-fatt li mar kontra dak li ried missieru u wettaq dak li xtaq hu sabiex ikisser il-klassijiet soċjali u biegħ l-artijiet ta' missieru lill-bdiewa. Oħrajn argumentaw li Mark-Antonin huwa dgħajjef għaliex għalkemm hu ried li jiżżewweġ lil Rużann minkejja li kienet ġejja minn klassi soċjali differenti, hu ħalla lil Rużann ma tiżżewġux u hekk tkompliet it-tradizzjoni li ma jistax isir żwieġ bejn żewġ persuni li ġejjin minn klassijiet soċjali differenti. Kienu bosta l-kandidati li semmew li kien hemm nuqqas ta' ġustizzja billi għamlu referenza għall-episodju tax-Xuxana. Ħafna qalu li Karmenu kellu karattru sod f'dan ir-rigward għax ma qatax qalbu li jibda mill-ġdid. Semmew li kellu karattru sod għaliex minkejja l-qagħda li kienet fiha familtu huwa bagħat lil uliedu għand in-nuna biex b'hekk kif xtaqet Rużann il-klassi l-baxxa ma tibqax nieqsa mill-opportunità ta' edukazzjoni. Il-kandidati emfasizzaw il-kontribut ta' Marija li akkost ta' kollox riedet tibgħat lil uliedha l-iskola.Meta l-kandidati ġew biex jitkellmu dwar is-seklu 20, kienu hemm xi kandidati li għamlu referenza għall-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju, li Malta saret Indipendenti u Repubblika, li l-mara avvanzat billi laħqet għalliema fil-każ ta' Salvina, artista fil-każ ta' Gina, u tabiba fil-każ ta' Luċija. Kien hemm xi kandidati li semmew ukoll il-volontarjat.

It-tqassim ta' ħafna mill-komponimenti kien fl-ordni tal-karattri u għalhekk ma kienx hemm ordni fl-argument. Ħafna bnew il-paragrafi fuq dak li seħħ fis-seklu 19 u ttrattaw dak li seħħ fis-seklu 20 fil-konklużjoni.

<u>Kummenti Generali:</u>

Jidher b'mod evidenti li l-kandidati kienu iktar komdi janalizzaw l-ewwel titlu, dak relatat mal-iżvilupp tal-mara, milli mal-iżvilupp tal-qagħda politika u soċjali. Xi żbalji komuni fiż-żewġ titli kienu:

- Il-kandidati jaqgħu fin-nassa li jirrakkontaw minflok janalizzaw.
- Il-kandidati naqsu milli jiktbu introduzzjonijiet u konklużjonijiet effettivi. Ħafna drabi għall-introduzzjoni għamlu t-titlu fi kliemhom u għall-konklużjoni reġgħu rrepetew dak li kienu diġà semmew.
- Xi kandidati studjaw esejs sħaħ bl-amment u kitbuhom mingħajr ma rrelatawhom mat-titlu. (Kien hemm min studja l-esej tat-tema tal-kontinwità fir-rumanzett u kitibu kelma b'kelma kif studjah mingħajr ma biddel xi partijiet minnu biex ikun relevanti mat-titlu.)
- Huwa tajjeb li matul l-esej letterarju jibqa' jkun hemm referenza għat-titlu għax ħafna jispiċċaw jitbiegħdu mill-argument ċentrali.
- Inqas kandidati għażlu li jikkwotaw u ħafna kitbuhom fi kliemhom. Xi kandidati ppruvaw jikkwotaw iżda ma kinux preċiżi u saħansitra vvintaw xi biċċiet. (Meta l-kandidat jiġi dahru mal-ħajt aħjar jagħmel il-kwotazzjoni fi kliemu milli jivvinta l-biċċa li nesa.)
- Ma jagħmlux il-punteġġjatura neċessarja meta jiktbu t-titlu ta' xi xogħol letterarju f'esej jew meta jikkwotaw.
- L-argumenti mhux dejjem intrabtu ma' xulxin. Xi wħud kitbu paragrafi separati fuq kull xogħol. Il-kandidati jeħtieġ li jagħrfu l-importanza ta' transizzjoni bis-sens.
- Ftit kienu dawk il-kandidati li analizzaw l-effett tat-termini letterarji b'rabta mat-tema li ntalbu jiktbu fuqha. Ħafna mill-kandidati ffukaw iżżejjed fuq il-plott.
- Xi kandidati ħawdu n-narratur, l-awtur, u l-poeta.
- Kien hemm ħafna kandidati li ma kinux kapaċi jilħqu l-limitu tal-kliem.
- Il-maġġoranza tal-kandidati tilfu l-marki kollha tal-ortografija u ħafna tilfu tal-grammatika wkoll.
- Kien hemm kandidati li ħallew taqsimiet sħaħ barra kif ukoll oħrajn li kitbu komponiment sħiħ li m'għandux x'jaqsam mat-titlu.
- Kien hemm bosta kliem spellut ħażin. B'eżempju nsemmu dawn: 'tatix', 'iddeċidit', 'ħadita', 'missiera', 'rata' (i.e. ratha), 'omma', 'jkolla', 'qiegħdin', 'qedin', 'il-barra', 'martom', 'enitu', 'ibagħti', 'karratri', 'jifmu', 'qied', 'qiegħdha', 'jejdilha', 'joqgħodu',' jibqaw','iftahhieli', "Ġina kienet pittura". U ma' dawn inżidu: n-

nuqqas ta' punteġġjatura fejn jidħlu t-titli tax-xogħlijiet letterarji li tkun qiegħda ssir referenza għalihom; l-użu ħażin tal-partiċelli mal-artiklu (għal, bħal, lil) eż. "bħal-demmi"; il-partiċella "lil" imqassra ħażin ( "il-quddiem" jew "l'quddiem"); l-pronomi mehmużin man-nomi, mal-partiċelli, jew mal-verbi ("minnhu"); u ma jagħmlux differenza bejn it-twaqqigħ tal-"i" tal-leħen u l-vokali integrali ("mportanti").

- Bosta kandidati kitbu l-ismijiet ta' persuni, karattri jew postijiet mingħajr ittri kapitali: "ħad-dingli, tfajla dinglija, pietru, marija, eċċ." Minbarra dan in-nuqqas, numru kbir ta' kandidati kitbu għal darba, tnejn, tlieta, "lir-Rużann" jew "spiċċajna bil-Luċija" fejn l-isem ingħata l-artiklu.

Fuq nota pożittiva, il-kandidati li għażlu l-ewwel titlu (dwar l-iżvilupp tal-mara) taw importanza lil dawk il-karattri sekondarji bħal Lurenz, tant li inkludewhom fl-analiżi tagħhom. Dawk li għażlu t-tieni titlu (dwar id-differenza fil-qagħda politika u soċjali tas-seklu 19 u 20) kienu mħarrġin sew u mxew pass pass mar-rumanzett u inkludew bosta żviluppi li saru.

**It-Tieni Karta B**

Ħafna mill-kummenti tat-2A jgħoddu għal hawn ukoll.

**Referenza għall-Kuntest (Il-Poeżija)**
Ħafna kandidati għażlu Silta B għax hija aktar diretta u faċli wieħed jinterpretaha. Mill-banda l-oħra, Silta A tintrabat mal-eżistenzjaliżmu u l-ambjent naturali – xogħol li kandidati tat-2B iħossuh kemxejn tqil.

<u>Silta A</u>
1. Ftit wisq tħarrgu fuq l-effett tad-dehriet kontrastanti.

2. Xi wħud ma fehmux x'inhu reġistru negattiv. U ftit wisq kellhom ħila jitkellmu fuq l-effett ta' dan ir-reġistru.

3. Il-biċċa l-kbira tal-kandidati ma weġbuhiex din il-mistoqsija, u fost dawk li wieġbu ma rabtux il-frażi mal-istat tal-bir.

4. Kien hemm min wasal għall-effett ta' stagħġib, imma ħafna ma weġbux it-tieni parti.

5. Ħafna wiġbuha tajjeb.

6. Kien hemm min semma li l-kuluri joħolqu effett sabiħ.

<u>Silta B</u>*:*
1. Ħafna kandidati sabuha diffiċli biex jagħtu erba' karatteristiċi. U l-erba' karatteristiċi mhux dejjem kienu marbutin mal-karattru iżda mad-dehra fiżika tal-protagonista.

2. Ħafna kandidati kienu korretti fl-għażla tal-kwotazzjonijiet.

3. Għadd ta' kandidati għażlu lil karattru principali biex jikkundannawha għax ma kinitx eżemplari biex twaqqaf lill-bulì, u tat importanza lill-vjolenza. Xi wħud irrepetew l-istess kwotazzjonijiet li taw fit-tieni mistoqsija.

4. Ħafna wieġbu tajjeb (similitudni) imma xi wħud ma kellhomx ħila jesprimu ruħhom fuq l-effett. L-idea ta' tbatija u krudeltà mhux dejjem kienet imfissra sew. Uħud fissru l-figura tad-diskors u wħud spjegaw il-moviment li għamel Freddie bla ma kitbu ebda effett marbut miegħu.

5 (a) Ħafna wrew li mhumiex midħla tal-metrika.

5 (b) Bosta ġabu din ħażina għax ma kinux jafu kif il-metru jitwaħħad b'għan partikulari. Uħud spiċċaw jirrakkontaw l-kontenut mill-ġdid. Ftit wisq taw aktar minn vantaġġ wieħed – l-aktar li ssemmiet kienet il-libertà tal-poeta.

**Referenza għall-Kuntest (Il-Proża)**
Dawk li wieġbu fuq 'Silta A' marru aħjar mill-oħrajn.

Silta A:
1. Ftit kienu l-kandidati li semmew erba' karatteristiċi marbutin mal-karattru ewlieni. Xi wħud irrepetew l-istess karatteristiċi, u oħrajn semmew id-dehra tagħha. Uħud kitbu ħames karattri li jissemmew fin-novella u xi kandidati taw l-azzjonijiet tar-raħlin fil-konfront magħha.

2. Xi wħud semmew biss l-emozzjonijiet negattivi hekk kif rat il-folla f'delirju kontriha; l-emozzjonijiet ta' ferħ tħallew barra.

3. Ħafna ħarġu l-effett bla ma spjegawh. Xi wħud ma kellhomx ħila jfissru l-kelma "infern" bħala tbatija.

4. Ħafna ma waslux għall-effett xieraq, u allura lanqas għall-ispjegazzjoni. Ħafna ħallewha barra din il-mistoqsija.

5. Ħafna marru ħażin wisq fil-kuntrast. Imma oħrajn sabuha faċli biex jirrakkuntaw il-ġrajja tan-novella.

Silta B:
1. Ħafna wieġbu tajjeb bla ma taw dettalji biżżejjed. Oħrajn taw raġuni waħda biss.

2. Il-kandidati kellhom interpretazzjoni fqira tas-sentenza li fuqha gew mistoqsija. Ħafna taw raġuni waħda biss.

3. Ħafna wieġbu tajjeb għall-ewwel parti imma żbaljaw bl-ikrah fit-tieni parti.

4. Ħafna wieġbu tajjeb.

5. Xi wħud fit-tieni parti spiċċaw jirrakkontaw l-istorja. Ħafna qalu li l-pustier huwa l-protagonist.

**Il-Komponimenti Letterarji**
Ħafna drabi l-kandidati kitbu l-ħsieb tas-silta letterarja u ma tantx argumentaw fuq dak li kienu mitluba, u kultant l-argumenti ma kinux akkumpanjati b'referenzi għax-xogħlijiet letterarji.

Kien hemm ħafna żbalji tal-lingwa u ftit huma dawk li rnexxielhom jiksbu l-marki kollha tal-ortografija. Uħud ma qasmux il-kitba f'paragrafi u kien hemm numru ta' kandidati li ma kitbux 150 kelma.

'Bejn Ħaltejn' (minbarra 'Il-Ħarsa ta' Ružann')

1. Ħafna kitbu fil-qosor wisq. F'dan il-komponiment, il-kandidati spiss kitbu fi kliemhom l-istorja tal-poeżija, bla ebda rabta mat-titlu. L-iskop kellu jkun li jitkellmu fuq it-tema li jippreżenta t-titlu, imma ħafna drabi dan l-iskop ma ntlaħaqx. Ir-referenzi b'rabta mat-tema u anki l-argumenti fuq il-patrijottiżmu kienu nieqsa. Kien hemm numru mhux ħażin ta' kandidati li għażlu dan is-suġġett mingħajr ma kienu jafu t-tifsira ta' patrijottiżmu u spiċċaw jirrakkontaw it-tliet partijiet differenti tal-ballata mingħajr l-iċken referenza lejn il-mod kif tintwera l-imħabba lejn il-pajjiż. Il-maġġoranza kitbu fuq il-Ħakem biss bħallikieku hu l-unika persuna li kellu imħabba lejn artu. L-idea ta' karattri li jirrappreżentaw lill-oħrajn hija eskluża. Ħadd ma semma b'liema mod in-nisa juru l-imħabba lejn pajjiżhom. (Dawn jagħtu l-barka lill-irġiel tagħhom sabiex imorru jwaqqfu lill-għadu. In-nisa li jieħdu ħsieb lil uliedhom u jkollhom ibatu hekk kif għadd ta' rġiel jispiċċaw jagħtu ħajjithom għal arthom. It-tbatija għall-pajjiż mhux biss iġarrbuha l-irġiel fiżikament iżda anki n-nisa li jisfaw romol u l-ulied mingħajr missier.) L-imħabba individwali tgħaddi fuq livell kollettiv meta l-irġiel mhux biss jiddefendu lill-gżira iżda wkoll lil familji tagħhom mill-qilla tat-Torok. Xi kandidati ħawdu dan ix-xogħol letterarju ma' xogħol letterarju ieħor. Il-maġġoranza tal-kandidati m'għandhomx idea x'inhi d-differenza bejn novella u poeżija. Kien hemm min bħala introduzzjoni kkopja t-titlu tal-Komponiment Letterarju; dawn ma kellhomx idea kif tikteb introduzzjoni argumentattiva fuq is-suġġett tal-patrijottiżmu. L-iżvilupp kien mimli repetizzjonijiet fejn il-paragrafi naqqsu milli janalizzaw ix-xogħol letterarju. Il-kandidati m'għandhomx idea kif jikkonkludu, u wħud iħallu din il-

parti barra jew jiktbu sempliċi sentenza. Oħrajn jerġgħu jirrepetu argumenti li qajmu fl-iżvilupp b'repetizzjoni sħiħa.

2. Hawnhekk ukoll kien hawn ħafna kitbiet qosra. Kien hawn ħafna rakkontar tan-novella bla ebda rabta mat-titlu. Kien hemm bosta kandidati li qabdu l-argument tal-qerq imma żbaljaw in-novella għaliex bdew jargumentaw fuq 'Xtara l-Ħut fil-Baħar', u kitbu dwar il-qerq tar-raħlin meta l-protagonist stenna li jitla' elett wara d-diversi pjaċiri. L-aspett tal-qerq f''Bl-Irħis' kien marbut mal-miġja tal-pulizija li kellha tixxejjen għax Kablan baqa' fuq il-post u mal-fatt li baqgħu ma tħallsux. Iżda l-kandidati ntilfu jiktbu dettalji li ma jiżviluppawx tajjeb l-idea li l-Malti qed jisfrutta lill-immigranti bi kliemu u b'għemilu. Il-kandidati ħawdu l-ismijiet tal-karattri prinċipali u s-suġġett kien kompletament żbaljat meta lil Fajsal biddluh ma' Kablan. Xi wħud mill-kandidati ma kinux jafu kif se jsejħulu lill-imgħallem u sejħulu "għalliem" jew "dak li jmexxi". Dawn il-kandidati wrew li ma jafux x'inhi d-differenza bejn novella u poeżija, poeta u awtur. Xi wħud ħarġu 'l barra mis-suġġett meta tkellmu b'mod ġenerali bla referenza għax-xogħlijiet. Barra minn hekk, it-tqassim tal-paragrafi fil-komponimenti letterarji kien fqir ukoll u kixef nuqqas ta' għarfien sħiħ fuq kif tibni komponiment: bħala introduzzjoni, ħafna kitbu t-titlu li ngħatalhom fil-karta; l-iżvilupp kien nieqes minn kwotazzjonijiet li jiddefinixxu l-inġustizzji fil-konfront ta' Fajsal; u bħala konklużjoni, bosta reġgħu semmew aspetti mill-iżvilupp mingħajr ma kkonkludew b'ideat ġodda – u din turi li ma kinux kapaċi jargumentaw u janalizzaw. Kien hemm wisq żbalji tal-kitba u bosta ideat inxteħtu bl-addoċċ bla kronoloġija jew bla organizzazzjoni.

'Il-Ħarsa ta' Rużann' (ta' Francis Ebejer)

1. Dan kien aktar magħżul mit-tieni wieħed għax jittratta karattri partikulari. Il-kandidati kellhom iqabblu u jiddistingwu bejn il-karattri ta' Rużann u Ġina u mhux jagħmlu taqsira tar-rumanzett li tibda minn Rużann u jibqgħu sejrin isemmu d-dixxendenti kollha tagħha. F'dan il-livell m'hemmx lok għal taqsiriet tax-xogħlijiet letterarji. Kien hemm kandidati li ffukaw biss fuq id-differenzi jew fuq ix-xebh. Dan juri li l-kandidati ma kinux jafu l-karattri fid-dettall imma kellhom biss idea tal-istorja. Kien hemm bżonn ta' aktar emfasi fuq il-karatterizzazzjoni. Kien hemm xi kandidati li ħawdu l-karattru ta' Ġina ma' karattri oħra, speċjalment ma' Marija, u spiċċaw jirrakkontaw l-inċident tal-Buweri u r-reazzjoni ta' Marija f'dak il-mument. Ħafna semmew il-fatt liż-żewġ nisa rabbew lil uliedhom weħidhom iżda kien hemm żbalji fl-ismijiet ta' wliedhom, u żbalji ta' fatti bħal meta qalu li Rużann iżżewġet. Ir-repetizzjoni tal-istess argumenti kompliet tikxef li kien hemm kandidati li ma kellhomx għarfien xieraq tar-rumanzett. Xi wħud irrakkuntaw partijiet mir-rumanzett li ma kellhomx x'jaqsmu mat-titlu mogħti.

2. Ħafna mill-kandidati li għażlu dan it-titlu bdew jitkellmu fuq il-klassi l-baxxa bla ebda rabta mar-rumanzett. L-argumenti tal-kandidati kellhom jiġu msaħħa permezz ta' referenzi għal diversi episodji bħar-relazzjoni bejn Mark Antonin u Rużann, ir-relazzjoni bejn il-Baruni x-Xiħ u l-bdiewa, il-bidla li xtaq Mark Antonin, l-episodju tal-attakk tax-Xuxana, il-ġrajja meta Karmenu ddeċieda li jibgħat lil uliedu l-iskola, u l-bqija. Dan juri li l-kandidati mhux biss iridu jkunu jafu r-rumanzett sew, imma jridu jkunu kapaċi jorbtu l-argumenti mat-titlu li jkollhom u jirreferu għax-xogħol letterarju. Din ir-rabta bejn it-titlu u l-argumenti misluta mir-rumanzett kienet nieqsa. Kien hemm xi wħud li ħarġu barra mis-suġġett u oħrajn li kitbu wisq inqas minn 150 kelma. Ġew innutati għadd ta' fatti żbaljati/fittizji speċjalment fl-ismijiet tal-karattri u l-kronoloġija taż-żminijiet li għexu fihom. Xi wħud mill-kandidati ma kellhomx idea taż-żmien storiku involut fir-rumanzett. Għadd ta' komponimenti ddiskutew ir-relazzjoni bejn Rużann u Mark-Antonin biss. Għalkemm huma l-karattri prinċipali u jmexxu l-istorja 'l quddiem wieħed għandu jagħmel analiżi kritika tan-nies komuni wkoll. Mhux dejjem kien hemm bilanċ fl-ideat fuq l-importanza tal-klassi l-għolja u l-qagħda tal-klassi l-baxxa, tant li l-argumenti ma tawx stampa ċara tal-klassi l-baxxa.

Konklużjoni

L-iżbalji tal-ortografija, tal-grammatika, tas-sintassi, u tas-semantika kienu bil-bosta. Min jagħżel it-2B xorta waħda jridu jkun jaf jikteb tajjeb ħafna l-Malti għax il-livell taċ-ĊES irid jinżamm.

*Iċ-Chairperson*
*Il-Bord tal-Eżaminaturi 2017*